**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Thomas Camilleri**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Thomas Camilleri ta' 32 sena, iben Joseph u Emanuela nee` Montebello mwieled nhar l-15 ta' Dicembru 1988 l-Pieta`, residenti gewwa l-fond Nru.313, Paradise Flat 2, Triq San Albert, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 570788M

Akkuzat talli b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar l-14 ta' Marzu 2021 f'xi hin bejn id-disa u l-ghaxra ta' filghaxija (21:00hrs u 22:00hrs) gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta'

ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor ghas-somma ta' mitejn ewro (€200) ghad-dannu ta' Joseph Catania u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

2. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Joseph Catania u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

3. Nhar l-15 ta' Marzu 2021 f'xi hin bejn il-hamsa u s-sitta ta' wara nofsinhar (17:00hrs u 18:00hrs) gewwa dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor ghas-somma ta' elf ewro (€1000) ghad-dannu ta' Joseph Garrett u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

4. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Joseph Garrett u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

5. Nhar is-17 ta' Marzu 2021 f'xi hin bejn id-disa u l-ghaxra ta' filghodu (09:00hrs u 10:00hrs) gewwa dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor ghas-somma ta' elf u seba mitt ewro (€1700) ghad-dannu ta' Josef Penza u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

6. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Josef Penza u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

7. Fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Marzu 2021 f'xi hin bejn is-sitta ta' filghaxija u s-siegha u nofs ta' filghodu (18:00hrs u 01:30hrs) gewwa dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor ghas-somma ta' hames mija disa u sittin ewro (€569) ghad-dannu ta' Akim Falzon u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

8. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Akim Falzon u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

U aktar talli:

9. Fix-xahar ta' Marzu 2021, f'dawn il-gżejjer, ffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern dan [sic]

10. Fix-xahar ta' Marzu 2021, f'dawn il-gżejjer għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta' Noel Scicluna u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet ohra;

11. Fix-xahar ta' Marzu 2021, f'dawn il-gżejjer xjentament ghamel uzu min att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta qabel ta` dan is-sub-titolu w cioe` *Fuq il-falsifikazzjoni ta skritturi ohra publici jew privati* tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta

U aktar talli nhar id-9 ta’ Marzu 2021 ghal habta ta’ bejn l-erbgha u l-hamsa u nofs ta’ wara nofsinhar (16:00hrs u 17:30hrs) gewwa triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u/jew fil-viċinanzi;

12. Ikkommetta serq ta’ flus kontanti liema ammont huwa ta` mija u ghaxar ewro (€110) min gewwa vettura JLY-187 ta’ l-ghamla Ford, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa’ ghad-dannu ta’ Hudesa Dhaba Yadati u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

U aktar talli:

13. Fix-xhur ta’ bejn Jannar u Marzu 2021 gewwa dawn il-gzejjer wara li sab hwejjeg u cioe` *Cheque Books* li jappartjenu lil xi persuna ohra cioe` lil Noel Scicluna naqas li jgharraf lill-pulizija fi zmien tlett t’ijiem;

Finalment akkuzat ukoll talli:

14. Bejn ix-xhur ta’ Jannar u Marzu 2021 f’dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Claire Stafrace Zammit LL.D. fid-digriet datat 2 ta’ Mejju 2017 li bih inghata l-helsien mill-arrest.

15. Bejn ix-xhur ta’ Jannar u Marzu 2021 f’dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Simone Grech LL.D. fid-digriet datat 20 ta’ Settembru 2019 li bih inghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta` l-imputat, tarresta mill-gdid lill-imputat kif ukoll tirrevoka l-garanzija personali li fuqha kien inghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija ghal reati hawn fuq imsemijja u jekk jidrilha xieraq tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara ohra ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Settembru 2022 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 308 u 310(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 309 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Fl-Artikoli 308 u 310(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Fl-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Fl-Artikoli 308 u 310(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
6. Fl-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
7. Fl-Artikoli 308 u 310(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
8. Fl-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
9. Fl-Artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
10. Fl-Artikolu 183 tal-Kapitilu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
11. Fl-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
12. Fl-Artikoli 261(ġ), 271(ġ) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
13. Fl-Artikolu 340(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
14. Fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

15. Fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
16. Kif ukoll fl-Artikoli 15A, 17, 18, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta' Malta

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigi trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-difiza.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   1. Fit-18 ta' Marzu 2021, Joseph Garrett u l-haddiem tieghu Omar Amadani ghamlu rapport ta' reat ta' frodi fl-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra. Amadani qal li kien ghamel kuntatt mieghu tramite facebook certu Thomas Camilleri biex jixtri zewg air conditioners. Huma iltaqghu fi Triq Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar fejn saret il-konsenja ta' dawn iz-zewg air conditioners. Thomas Camilleri hallsu b'cekk li kellu valur ta' elf Euro (€1,000). Meta Amadani ikkonsenja dan ic-cheque lil Joseph Garrett, dan tal-ahhar irrealizza li c-cekk seta' kien mbaghbas ghax isem sid il-kont kien indikat bhala Noel Scicluna u mhux Thomas Camilleri. Effettivament ic-cekk ma giex onorat mill-bank ghax Noel Scicluna sid ic-cheque book kien ghamel rapport li kienu intilfulu zewg cheque books. Ghalkemm Garrett ghamel kuntatt ma' Thomas Camilleri bil-mobile biex jaghtih l-air conditioners lura jew ihallsu, Camilleri spicca la irritorna l-airconditioners u lanqas hallas il-prezz taghhom.

   2. Fil-15 ta' Marzu 2021 sar rapport iehor minn Joseph Catania, deliveryman tal-Peking restaurant, li kien ghamel delivery ta' ordni ta' l-ikel fi Triq Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar, u wkoll thallas permezz ta' cekk fl-ammont ta' mitejn Euro (€200) li fuqu kien hemm l-isem ta' Noel Scicluna, liema cekk ma giex onorat mill-Bank.

3. Fl-20 ta' Marzu 2021 dahal ukoll rapport ta' Akim Falzon li stqarr li kien ikkomunika ma' Thomas Camilleri sabiex ibieghlu television, u ftiehmu li jitlaqghu fi Triq Luigi Preziosi San Pawl il-Bahar sabiex issir il-konsenja. Falzon kien mar fuq il-post u ta t-television lil Camilleri, pero Camilleri qallu li jrid jigbed il-flus mill-ATM biex ihallsu. Falzon baqa' jistennieh, u Camilleri qatt ma irritorna. Falzon ghamel kuntatt ma' Camilleri bil-mobile, imma Camilleri baqa' ma hallsux.

4. Fit-23 ta' Marzu 2021, Josef Penza ukoll kien irraporta li biegh zewg air conditioners lil Thomas Camilleri ghall-prezz ta' elf hames mija u hamsin Euro (€1550). Kien iltaqa' ma' Camilleri fi Triq Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar. Camilleri ghaddielu cekk li fuqu kien hemm isem Noel Scicluna ghal valur ta' elf u seba' mija (€1700). Camilleri staqsa lil Penza biex jghatih id-differenza ta' mija u hamsin Euro (€150) fuq Revolut lil terza persuna. Dan ic-cekk ukoll ma ssarrafx.

5. Fid-9 ta' Marzu 2021 Hudesa Thabjadati, taxi driver, irraporta li kien wassal ragel gewwa San Pawl il-Bahar, u qabel hareg mill-vettura, dan ir-ragel seraqlu flus kontanti fl-ammont ta' mija u ghaxar Euro (€110) minn gewwa l-compartment ta' quddiem tal-vettura.

6. Mill-investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija waslet ghal konkluzjoni li dan Thomas Camilleri involut f'dawn ir-reati huwa l-imputat, li dak iz-zmien kien qieghed fuq barra b'zewg digrieti ta' liberta provvizorja fuq zewg kawzi separati.

7. L-Ufficjal Prosekutur Christina Delia talbet il-hrug ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat lill-magistrat, li gie akkordat. Il-Pulizija kellha suspett li l-imputat kien qed jirrisjedi ma' Paul Cachia, fi Triq Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar, peress li r-reati kienu qed isiru fl-awkati ta' din it-triq. Fil-fatt saret tfittxija f'din ir-residenza u instab hemm u gie arrestat fl-24 ta' Marzu 2021. Waqt it-tfittxija f'din ir-residenza instab ukoll wiehed mic-cheque books ta' Noel Scicluna li kien irraporta li kien mitluf, pero ma kienx hemm cekkijiet go fih.

8. Wara li l-imputat gie interrogat mill-Pulizija, ittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

9. Qabel tikkonsidra l-provi fil-konfront ta' kull imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, il-Qorti thoss li jkun opportun, tikkunsidra l-ewwel xi kwistjonijiet ta' natura legali li l-d-difiza qajmet fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

*Il-Kwistjoni dwar l-Ezekuzzjoni tal-Mandat t'Arrest u Tfittxija*

10. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha id-difiza tirrileva li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, ma giet ipprezentata l-ebda prova li l-ufficjali tal-pulizija kellhom fil-pussess taghhom mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat, u li mkien fl-atti ta' dawn il-proceduri ma giet ipprezentata kopja tieghu. In oltre id-difiza tallega li la l-imputat u lanqas sid il-post fejn gie ezegwit dan il-mandat waqt il-hin tal-arrest ma gew moghtija kopja tal-mandat t'arrest u tfittxija.

11. Il-Qorti hija pjuttost perplessa kif id-difiza qieghda tqajjem din il-kwistjoni li l-imputat allegatament gie arrestat minghajr ma kien inhareg kontra tieghu mandat t'arrest f'dan l-istadju. Logikament, din il-kwistjoni kellha, se mai tigi sollevata fil-gurnata li fiha l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti taht arrest, u cioe fis-26 ta' Marzu 2021 – iktar minn sentejn ilu – ghax kieku din is-sottomissjoni tirrizulta veritiera kien ikun ifisser li l-arrest tieghu kien wiehed illegali. Minflok f'dik is-seduta, fil-prezenza tal-imputat, debitament assistit mill-abbli difensur tieghu, hemm verbalizzat li *"Id-difiza mhux qed tikkontesta l-validita ta' l-arrest."*[1]

12. Pero din il-Qorti mhix sorpriza ghalfejn id-difiza ghamlet dan il-verbal fil-prezentata, ghas-semplici raguni li mill-provi jirrizulta ampjament li kien inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat. Fil-fatt, l-Ufficjal Prosekutur Christina Delia xehdet li kienet

[1] Ara fol. 5 tal-process.

ghamlet rikors lill-magistrat biex jinhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat.[2] PS343 Glen Carabott ukoll xehed hekk *"Kellimt lill-Ispettura fejn kellha l-mandat u morna ghalih."*[3] PC2373 Kristy Scicluna ukoll xehedet li:

*"Ix-xhud: Mela dakinhar fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu konna l-Ghassa. Is-Surgent gab mandat ta' arrest u tfittxija fuq Thomas Camilleri.*

*Pros: Is-surgent min hu?*

*Ix-xhud: Is-Surgent Glenn Carabott. ... ...*

*Ix-xhud: Morna hemmhekk, habbatna l-bieb, hareg Paul, staqsejnieh jekk kienx hemm xi hadd iehor hemm gew u qalilna li kien hemm il-habib tieghu. Bqajna dehlin u fil-kamra tas-sodda kien hemm Thomas rieqed fuq double bed. Qajjimnieh, infurmajnieh li kien jinsab taht arrest u kellna mandat ta' tfittxija u tal-arrest tieghu. Tajnieh id-drittijiet tieghu u bdejna s-search ... ..."*[4]

13. Huwa vera li in kontro-ezami kwazi tlett snin wara, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2023, PS 343 Glenn Carabott ma ftakarx jekk kienx ha l-mandat ta' arrest mieghu qabel it-tfittxija u jekk tax kopja tieghu lill-imputat. Paul Cachia, sid il-post fejn kien qed joqghod l-imputat, addirittura xehed li huwa talab kopja tal-mandat lil PS 343 Glenn Carabott u dan ma kellux kopja tieghu u qallu *"issa dak narawh ahna."*[5]

14. Mill-assjemn tal-provi, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettatat mir-raguni li kien inhareg mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat, u kopja ta' dan il-mandat inghatat lill-imputat malli gie arrestat u qabel nbdiet it-tfittxija. Kien ghalhekk li d-difiza ma ikkontestatx il-validita tal-arrest. Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Paul Cachia mhix wahda kredibbli, stante li din il-Qorti m'ghandhix dubbju li likieku dan kien veru, jekk mhux Paul Cachia stess, imma zgur l-imputat kien ser jissolleva dan il-fatt fil-prezentata.

15. La darba d-difiza ma kinietx qed tikkontesta l-validita tal-arrest, ma kienx hemm il-htiega li l-Prosekuzzjoni tipprezenta kopja ta' dan il-mandat ta' arrest in atti. Mhux

[2] Ara fol. 51 tal-process.
[3] Ara fol. 74 tal-process.
[4] Ara fol. 198-199 tal-process.
[5] Ara fol. 665 tal-process.

lecitu li d-difiza issa f'dan l-istadju tipprova tisposta l-parametri tal-kawza billi tqajjem dubbju dwar l-ezistenza ta' dan il-mandat f'dan l-istadju, apparti li kif diga inghad, mill-provi jirrizulta ampjament li dan il-mandat mhux biss inhareg, imma inghatat kopja tieghu lill-imputat.

16. Id-difiza tilmenta wkoll li ghal xi raguni maghrufa biss lil PS343 Glenn Carabott, f'xi hin waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat, huwa ordna li l-imputat jinhareg mill-fond fejn kienet qed issir it-tfittxija, ghalkemm baqa' fil-post sid il-post Paul Cachia. Dan il-fatt huwa ammess minn PS343 Glenn Carabott innifsu u minn PC 2378 Kristy Sciberras. Waqt li l-imputat, kien barra l-fond PS343 Glenn Carabott lemah cheque book fuq mejda gewwa l-kcina u gabru fil-prezenza ta' Paul Cachia. PS343 jghid li huwa ghamel dan ghax kien hemm hafna nies u imbarazz fil-fond, pero il-Qorti tqis li fl-interess tat-trasparenza kien ikun aktar prudenti li l-imputat thalla jkun prezenti t-tul kollu tat-tfittxija. Pero mhux kontestat li t-tfittxija tkompliet fil-prezenza ta' sid il-fond Paul Cachia. Kuntrarjament ghal dak li tghid id-difiza, mix-xhieda ta' PC2373 Kristy Sciberras jirrizulta li hi kienet prezenti meta nstab ic-cheque fuq mejda zghira kollha imbarazz. Hi tghid li meta nstab ic-cheque, PS373 qabdu u gabru, u kellem lill-imputat dwaru, li qal li ma kienx tieghu.[6]

17. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li mill-provi jirrizulta ampjament li dan ic-chequebook instab fir-residenza li fiha kien qed joqghod l-imputat meta gie arrestat.

*<u>Il-Grad tal-Prova fil-Kamp Penali</u>*

18. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza taghmel diversi osservazzjonijiet dwar il-grad tal-prova li ghandu jintlahaq fil-kamp kriminali. Sabiex jigu evitati repetizzjonijiet inutli iktar il-quddiem, din il-Qorti thoss li jkun opportun li taghmel riferenza ghall-insenjament fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2013, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[7] irriteniet hekk:

---

[6] Ara fol. 199 tal-process.
[7] *Per* Imhallef Michael Mallia.

*"Jinghad fil-bidu nett li mkien fil-Ligi ma tobbliga lill-Qorti li hija tkun certa minghajr ombra ta' dubju dwar htija o meno ta' akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-Ren Divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghal fini ta'gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq il-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe' livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza. ... ...*

*Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll importanti, adirittura impellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat, u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari, izda jkollok diversi indizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*[8]

19. Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) qalet illi:

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374)."*

[8] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deciza fit-8 ta' Novembru 2014 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) *per* Imhallef Michael Mallia.

*<u>L-Ewwel imputazzjoni – Truffa a dannu ta' Joseph Catania</u>*

20. Joseph Catania xehed kif hu jahdem ma' Peking Restaurant u fl-14 ta' Marzu 2021 mar jaghmel delivery ta' ordni ta' ikel fi Triq Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar. Il-kont kien ta' mija sitta u erbghin Euro u erbghin centezmu (€146.40). Min ghamel l-ordni tah cekk ta' mitejn Euro (€200), u hu tah il-bqija ta' tlieta u hamsin Euro u sittin centezmu (€53.60). X'hin wasal lura r-restaurant induna li d-data fuq ic-cekk kienet hazina ghax kien datat l-annu elfejn u ghoxrin (2020) minflok elfejn wiehed u ghoxrin (2021), u n-numru tal-mobile fuq wara tac-cekk ma kienx l-istess bhal dak ta min ghamel l-ordni. Catania xehed li kemm hu kif ukoll sid ir-restaurant Lucienne Stivala ikkuntatjaw lil min ghamel l-ordni biex itihom il-mitejn Euro (€200), pero dawn it-tentattivi ma kellhomx ezitu posittiv u allura sar rapport lill-Pulizija. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li lilha ikkonsenja l-ordni tal-ikel, kif ukoll ikkonferma li c-cekk ezebit in atti bhala Dok CD14 kien dak li tatu din il-persuna.[9]

21. Fix-xhieda tieghu Noel Scicluna – il-persuna li isimha miktub fuq ic-cekk - qal li la l-kitba fuq ic-cekk Dok CD 14 u lanqas il-firma ma hija tieghu.[10]

22. Id-difiza tissottometti li dan ix-xhud mhux wiehed kredibbli ghaliex in kontro-ezami ta xhieda konfliggenti u kien influwenzat minn terzi persuni u min kif saret l-identifikazzjoni. Fil-kontro-ezami tieghu Catania qal li xi gimgha qabel ma xehed, klijent tar-restaurant kien qallu li hu wkoll kien gie defrawdat minn certu Thomas. Catania fittex l-isem Thomas fuq facebook, u meta identifikah minn fuq facebook rega' mar l-ghassa tal-Pulizija, fejn ufficjal tal-Pulizija wkoll urieh ritratt ta' dan Thomas, u cioe l-imputat, fuq facebook minn fuq il-mobile tieghu, u Catania ikkonferma li dak kien ir-ragel li kien iffrodah.

23. Din il-Qorti issib li x-xhieda ta' Catania hija kredibbli u ghandha mis-sewwa. Huwa ovvju li Catania kien eccitat waqt li qed jghati x-xhieda tieghu, u kwalunkwe inkonsistenzi li kien hemm fix-xhieda in kontro-ezami, gew kjarifikati fir-ri-ezami.

[9] Ara fol. 78 *et seq.* tal-process.
[10] Ara fol. 591 tal-process.

24. Rigward l-allegazzjoni li l-procedura ta' identifikazzjoni adoperata mill-Pulizija kienet wahda erronja, ghaliex urewh ritratt wiehed, il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok, li meta Catania ghamel ir-rapport originali tieghu, il-Pulizija ma talbietu jidentifika lil hadd. Kien biss meta Catania mar it-tieni darba minn rajh l-ghassa tal-Pulizija sabiex jghidilhom isem il-persuna li iddefrawdatu peress li kien gharfu fuq facebook, li l-Pulizija urew ritratt wiehed biex jikkonferma li dak kien l-istess persuna – l-istess ritratt li kien jidher fuq facebook.

25. L-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Biex issir il-prova ta' l-identita' ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".*

26. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** deciza fil-15 ta' Lulju 1998, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[11] osservat hekk:

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal ,per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il-Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn ir-regoli*

[11] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*m'humiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni.*

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli."*[12]

27. Fil-kaz odjern l-Pulizija ma ghamlet l-ebda identification parade sabiex Catania jidentifika min kien ha l-ordni tal-ikel u ta c-cekk in kwistjoni. Pero mill-atti jirrizulta ampjament li l-Prosekuzzjoni ma kinietx qed iserrah il-kaz taghha fuq l-identifikazzjoni ta' din il-persuna minn Catania lil Pulizija, izda mill-identifikazzjoni ta' Catania tal-imputat fl-awla. Fil-fatt, waqt l-ezami ma saret l-ebda riferenza ghall-identifikazzjoni tal-imputat li Catania ghamel lill-Pulizija – il-fatt li saret din l-identifikazzjoni fl-ghassa irrizulta biss waqt il-kontro-ezami. Id-difiza ma qanqlet l-ebda kwistjoni ghal mod ta' kif Catania identifika lill-imputat go l-awla tal-Qorti waqt ix-xhieda tieghu.

28. Id-difiza tissottometti wkoll li ladarba Joseph Catania huwa biss impjegat ta' Peking Restaurant, id-danni ma gewx ikkagunati lilu, imma lil sid l-istabbiliment Lucienne Stivala, il-Prosekuzzjoni kellha ittella' lil din l-ahhar persuna bhala xhud biex tikkonferma li l-frodi saret a dannu taghha. Il-Qorti tosserva li fl-ewwel lok l-ewwel imputazzjoni tghid li l-frodi saret *"ghad-dannu ta' Joseph Catania u/jew persuni u/jew entitajiet ohra"*. Mill-provi jirrizulta li r-reat ta' truffa gie kommess mill-imputat imma mhux a dannu ta' Joseph Catania, imma ta' persuna ohra, u cioe ta' Lucienne Stivala. L-ewwel imputazzjoni diga tikkontempla li d-dannu mhux necessarjament gie kagunat lil Joseph Catania imma seta' gie kagunat lil terza persuna, u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li l-Prosekuzzjoni ittella' lil Lucienne Stivala biex tixhed ukoll.

29. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija sodisfatta li din l-ewwel imputazzjoni ta' truffa ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali giet debitament ippruvata.

---

[12] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace** deciza fis-7 ta' Novembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

30. Peress li t-tieni imputazzjoni ta' frodi innominata ai termini tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali a dannu ta' Joseph Catania ovvjament giet moghtija bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' truffa, la darba din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' truffa, hija ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

*It-Tielet Imputazzjoni – Truffa a dannu ta' Joseph Garrett*

31. Omar Almadni xehed li hu lavrant ta' Joseph Garrett, u huma fin-negozju li ibieghu u jwahhlu airconditioners. Huwa xehed li biegh zewg airconditioners lill-imputat tramite facebook li gharfu fl-awla. Huwa qal li l-imputat ordna zewg airconditioners ghal prezz ta' sitt mitt Euro (€600)-il wiehed. Huma ftiehmu li jiltaqghu Bugibba, u l-imputat hallsu b'cekk, li kien miktub minn qabel u mahrug fuq Joseph Garrett. Pero meta wasal lura l-mahzen induna li l-isem fuq ic-cekk kien differenti mill-isem li kien hemm fuq facebook, u l-imputat ibblokkjah minn fuq is-social media tieghu kollha. Hu informa b'dan lil Joseph Garrett, u mbaghad Garrett ikkomunika mal-imputat diversi drabi sabiex jaghtih il-flus kontanti, jew l-air conditioners pero kien ghal xejn. Ghalhekk huma ghamlu rapport lill-Pulizija.[13]

32. Fix-xhieda tieghu Joseph Garrett ikkonferma l-verzjoni ta' Omar Almadani. Huwa zied jghid li l-imputat weghdu li jirritornalu air conditioner wiehed, pero ma zammx kellmtu.[14] Huwa ikkonferma it-traskrizzjoni tal-messaggi li ghaddiet bejnu u bejn l-imputat li tinsab ezebita bhala Dok NZ1 tal-process.[15] F'din it-telefonata Thomas Camilleri jinstema' jghid li hu biegh dawn iz-zewg airconditions, imma kien se jipprova jirritorna wiehed minnhom.

33. Fin-nota taghha, id-difiza irrilevat li fil-waqt li ix-xhieda jghidu li bieghu z-zewg airconditioners ghal prezz komplessiv ta' elf u mitejn Euro (€LM1,200), ic-cekk esebit u mmarkat bhala Dok CD15 fl-atti proocesswali indirizzat lil Joseph Garett huwa fl-ammont ta' elf Euro (€1000). In oltre, ix-xhud Almadani jghid li c-cekk kien tal-Bank of Valletta plc, fil-waqt li c-cekk in kwistjoni ezebit in atti huwa cekk tal-HSBC Bank.

[13] Ara fol. 521 tal-process *et seq.*
[14] Ara fol. 512 tal-process *et seq.*
[15] Ara fol. 328 tal-process, li hija traskrizzjoni tac-CD esebita bhal Dok CD 11.

In vista ta' dawn id-divergenzi, id-difiza tissottometti li din ix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni m'ghandhix mis-sewwa.

34. Il-Qorti tirrileva li fir-rapport li ghamlu lill-Pulizija, Garrett u Almadani qalu li l-air conditioners kienu jiswew hames mitt Euro (€500)-il wiehed.[16] Dan jispjega ghaliex ic-cekk kien fl-ammont ta' elf Euro. Fix-xhieda tieghu Garrett jammetti diversi drabi li ma jiftakarx kemm kienu jiswew ezatt l-airconditioners fid-data tal-incident, ghax kien ghadda z-zmien u l-prezz kien ghola.[17] Din il-Qorti hija konvinta li dan l-izball fil-prezz kien zball genwin min-naha taz-zewg xhieda, tant li kif irrilevat id-difiza stess fl-ahhar tax-xhieda tieghu Garrett jghid li kien qed jahfer lill-imputat – gest li zgur ma jindikax xi forma ta' animozita kontra l-imputat. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti sejra tikkunsidra li l-valur taz-zewg air conditioners kien ta' elf Euro.

35. Rigward il-fatt li li xhud Almadani xehed li c-cekk kien tal-Bank of Valletta meta fil-fatt kien tal-HSBC Bank, din il-Qorti hija wkoll konvinta li dan kien zball genwin tal-memorja tax-xhud, li kien qed jixhed sena wara l-akkadut, u fi kwalunkwe kaz mhux zball materjali – dak li huwa materjali huwa li l-isem tal-persuna fuq ic-cekk kien differenti mill-isem tal-persuna li ordna l-airconditioners.

36. In oltre, id-difiza tigbed l-attenzjoni li hadd minn dawn iz-zewg xhieda ma seta' jiftakar id-data li fiha sar ir-rapport. Din il-Qorti terga' tirribatti li haga komunement maghrufa li mhux kulhadd jiftahhar l-akkuduti li sehhew bl-istes mod, bl-istess intensita, lucidita u dettall, u ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tati ftit latitudni ghal dan il-fatt. Huwa vera li Almadani xehed li ma setghax jiftakar id-data meta gara l-akkadut, pero ftakar li kien qabel is-sajf tas-sena ta' qabel fiha xehed. Huwa xehed fis-seduta tal-21 ta' Frar 2022, u ghalhekk ix-xhud qed jirreferi ghal zmien qabel is-sajf tas-sena 2021,[18] li jaqbel maz-zmien meta skond ic-citazzjoni gie kommess r-reat. Garrett ukoll xehed li l-incident sehh sena qabel id-data li fiha xehed[19] - huwa xehed fil-21 ta' Frar 2022 u ghalhekk sena qabel jigi jaqbel ukoll maz-zmien meta skond ic-citazzjoni gie kommess r-reat. In oltre, il-verzjoni taghhom moghtija quddiem din il-Qorti, hlief ghal valur tal-air

[16] Ara fol. 38 tal-process.
[17] Ara fol. 519 tal-process.
[18] Ara fol. 522 tal-process.
[19] Ara fol. 512 tal-process.

conditioners, taqbel mal-verzjoni minnhom moghtija fir-rapport li huwa ghamlu lill-Pulizija.[20]

37. Fl-ahharnett, id-difiza tirrileva li Prosekuzzjoni naqset li ggib prova tal-profili fuq il-pjattaforma tal-facebook, minn fejn allegatament sar il-kuntatt bejn l-imputat u Omar Almadani, u n-numri tac-cellulari tal-mobiles la gew ikkonfermati mill-fornitur tas-servizz u wisq anqas gie pprovdut il-localisation taz-zewg partijiet involuti, sabiex tigi konfermata ix-xhieda moghtija minn Omar Almadani. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm huwa d-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success, jekk dawn il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wiehed, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox.[21] Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni hasset li l-kaz taghha kien sod bizzejjed jekk tistrieh fuq ix-xhieda ta' Garrett u Almadani, minghajr ma ggib ukoll il-provi indikati mid-difiza. Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' dawn it-tnejn min-nies hija wahda kredibbli u ghandha mis-sewwa. Konsegwentement, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova din it-tielet imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

38. Peress li r-raba' imputazzjoni ta' frodi innominata ai termini tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali a dannu ta' Joseph Garrett ovvjament giet moghtija bhala imputazzjoni alternattiva ghat-tielet imputazzjoni ta' truffa, la darba din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' truffa, hija ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni.

*<u>Il-Hames Imputazzjoni – Truffa a dannu ta' Josef Penza</u>*

39. Josef Penza xehed li l-imputat kien cempillu ordna zewg air conditioners, u hu hadhom f'xi post Bugibba, pero ma setghax jiftakar it-triq. Il-prezz tal-air conditioners kien wiehed ta' €721.00 u l-iehor ta' €681.00. L-imputat hallsu b'cekk fl-ammont ta' elf u seba' mitt Euro (€1,700) li kellu isem Noel Scicluna fuqu. Huwa gharaf bhala Dok CD

[20] Ara Dok CD8 a fol. 36 tal-process.

[21] Ara Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali.

15, ezebit in atti. Penza jghid li peress li kien hemm differenza ta' mija u hamsin Euro (€150) mill-prezz, Penza fuq istruzzjonijiet tal-imputat baghat dan il-bilanc lil certu Konrad Cassar fuq ir-Revolut. Ic-cekk ma giex onorat mill-bank. Meta huwa ikkuntatja lill-imputat bil-mobile, dan qallu li kien ser jtih il-flus in kontanti, pero l-imputat qatt ma mar itih dawn il-flus. Penza gharaf lill-imputat bhala l-persuna li ordna l-air conditioners u tah ic-cekk, kif ukoll ezebixxa d-dokumenti relattivi.[22]

40. Pero mix-xhieda ta' Penza u l-fatturi minnu ezibiti jirrizulta li l-prezz totali taz-zewg air conditions huwa dak ta' elf erba' mija u zewg Euro (€1,402) (it-total ta' €721 u €681), u mhux elf hames mija u hamsin Euro (€1550), kif jghati x'jifhem fix-xhieda tieghu. Pero ma' dawn l-ammont wiehed irid izid l-ammont ta' mija u hamsin Euro (€150) li Penza ittrasferixxa lil Konrad Cassar, fuq istruzzjonijiet tal-imputat. Ghalhekk, skond ix-xhieda tieghu stess, Penza gie defrawdat l-ammont totali ta' elf hames mija u tnejn u hamsin Euro (€1552).

41. Id-difiza tirrileva li l-Prosekuzzjoni naqset li ttella' bhala xhud lil Konrad Cassar kif ukoll rapprezentant tal-bank Revolut sabiex jikkonfermaw it-trasferiment ta' €150 li sar lil Cassar. Pero Penza ezebixxa d-dokumenti relattivi ghal dan it-trasferiment li sehh fis-17 ta' Marzu 2021, l-istess data tac-cekk in kwistjoni,[23] liema dokumenti ma gewx ikkontestati mid-difiza.

42. Ghalsaqstant, il-Qorti issib li din il-hames imputazzjoni ta' truffa giet debitament ippruvata.

43. Peress li s-sitt imputazzjoni ta' frodi innominata ai termini tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali a dannu ta' Josef Penza ovvjament giet moghtija bhala imputazzjoni alternattiva ghal hames imputazzjoni ta' truffa, la darba din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' truffa, hija ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt imputazzjoni.

[22] Ara fol. 85 *et seq.* tal-proceduri.
[23] Ara fol. 94-95 tal-process.

*<u>Is-Seba' Imputazzjoni – Truffa a dannu ta' Akim Falzon</u>*

44. Akim Falzon xehed li hu kien irriklama television ghal bejgh ta' hames mitt Euro (€500) fuq facebook u Maltapark. L-imputat ikkuntatjah li ried jixtrih ghal dak il-prezz. Iltaqghu Bugibba, ghalkemm ma kienx jaf l-isem tat-triq, u Falzon ikkonsenjalu t-television flimkien mal-garanzija tieghu u l-karti relattivi. L-imputat ried ihallsu permezz ta' cekk tal-HSBC, pero Falzon irrifjuta. L-imputat qallu li ried imur jigbed il-flus minn go ATM blokka l-isfel minn fejn kienu qieghdin. Pero l-imputat qatt ma irritorna bil-flus, minkejja li Falzon ikkuntatjah bil-mobile diversi drabi, u kull darba l-imputat jghidlu li kien gej. Huwa identifika lill-imputat bhala l-persuna li xtara t-television, u ezebixxa d-dokumenti relattivi.[24]

45. Huwa vera dak li tirrileva d-difiza li fic-citazzjoni jinghad li Falzon sofra dannu ta' hames mija u disgha u sittin Euro (€569), meta fix-xhieda tieghu u d-dokumenti ezebiti jirrizulta li Falzon biegh dan it-television ghal prezz ta' hames mitt Euro (€500). Il-Qorti se tikkunsidra li d-dannu li sofra Falzon huwa dak li effettivament jirrizulta mill-provi u cioe l-ammont ta' €500.

46. Fin-nota taghha d-difiza issottomettiet li l-Prosekuzzjoni strahet biss fuq ix-xhieda ta' Falzon, u naqset li tikkorrobora din ix-xhieda billi ggib konferma tal-valur tat-television, tan-numri tal-mobiles uzati fuq il-pjattaforma Facebook u WhatsApp, kif ukoll il-*localisation* ta' Falzon u l-imputat fil-hin tal-imputat. A skans ta' ripetizzjoni inutli, din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li diga qalet iktar il-fuq li xhud wiehed jekk emmnut, huwa bizzejjed biex jikkostitwixxi prova shiha. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghaliex m'ghandhix temmen ix-xhieda ta' Falzon, anki in vista tad-dokumenti minnu ezebiti li jikkorroboraw dak li xehed.

47. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li din is-seba' imputazzjoni ta' truffa giet debitament ippruvata.

48. Peress li t-tminn imputazzjoni ta' frodi innominata ai termini tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali a dannu ta' Akim Falzon ovvjament giet moghtija bhala imputazzjoni

[24] Ara fol. 135 *et seq.* tal-process.

alternattiva ghas-seba' imputazzjoni ta' truffa, la darba din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' truffa, hija ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tminn imputazzjoni.

*Id-Disa', l-Ghaxar u il-Hdax Imputazzjoni – Falsifikazzjoni ta' dokument li bih wiehed jista' jircievi hlas ta' ta' skrittura ta' bank privat u l-Uzu taghhom*

49. Mir-rapport tal-espert kaligrafiku Alberta Borg,[25] kif korrett bix-xhieda taghha fis-seduta tat-13 ta' Frar 2023,[26] jirrizulta s-segwenti:

(i) Fuq ic-cekk immarkat bhala Dok CD14 datat 14 ta' Marzu 2020 miktub fuq Peking Restaurant, hemm id ta' zewg persuni li kitbu fuq dan ic-cekk, izda m'hemm l-ebda evidenza li jindika li xi wahda minn dawn il-kitbiet saret minn Thomas Camilleri.

(ii) Fuq ic-cekk immarkat bhala Dok CD15 datat 15 ta' Marzu 2021 miktub fuq Joseph Garrett, hemm id ta' zewg persuni li kitbu dan ic-cekk. Hemm evidenza li turi li l-kitba kollha fuq in-naha ta' quddiem tac-cekk (minbarra l-firma u d-data) hija tal-imputat.

(iii) Fuq ic-cekk immarkat bhala Dok CD16 datat 17 ta' Marzu 2021 miktub fuq Joseph Penza hemm id ta' zewg persuni li kitbu fuq dan ic-cekk. Hemm evidenza li turi li l-ktiba 'Joseph Penza' biss saret mill-imputat.

50. Fir-rapport originali taghha, l-espert Alberta Borg qalet li l-firma fid-dokument CD15 kienet giet maghmula mill-imputat, izda fix-xhieda taghha in kontro-ezami ammettiet li dan kien zball taghha. Id-difiza tissottometti li ladarba l-espert Alberta Borg ammettiet li r-rapport taghha kien fih zball, jista' jkun hemm il-possibilita ta' zbalji ohra, u ghal din ir-raguni din il-Qorti kellha tiskarta dan ir-rapport.

51. Kif din il-Qorti diga irrilevat fid-digriet taghha moghti fis-seduta tat-13 ta' Frar 2023[27], d-difiza ma qanqlet l-ebda oggezzjoni ghall-hatra tal-espert Alberta Borg fuq il-kompetenza taghha bhala espert kaligrafu la qabel l-espert ipprezentat ir-rapport taghha bhala espert kaligrafu u lanqas wara. Id-difiza qed taghmel din it-talba biss ghaliex

[25] Ara fol. 162 et seq. tal-process.
[26] Ara fol. 677 et seq. tal-process.
[27] A fol. 675 tal-process.

f'dik is-seduta l-espert Alberta Borg, imharrka biex tixhed in kontro-ezami mid-difiza, infurmat lill-Qorti seduta stante li xtaqet taghmel korrezzjoni fir-rapport taghha, kif spjegat fix-xhieda taghha. Ghalkemm certament kien ikun aktar desiderabbli li tali zball ma ttihidtx, il-fatt li espert jiehu zball u minn jeddu jissenjala dan il-fatt lill-Qorti juri l-onesta tal-espert u mhux necessarjament jirrifletti fuq il-kompetenza taghha bhala espert kaligrafu.

52. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-izball tal-espert kien wiehed genwin u li Alberta Borg ghandha l-kwalifiki necessarji sabiex taghmel ix-xoghol ta' espert kaligrafu. L-allegazzjoni li 'possibbilment' ir-rapport jista' jkollu zbalji ohra, mhu ta' l-ebda konfort ghad-difiza, ghax kif inhuwa risaput, id-difiza hija obbligata li tipprova kwalunkwe allegazzjoni li taghmel sal-grad tal-probabbli, u li l-livell tal-possibbli ma hu ta' utilita lil hadd mill-partijiet fil-kawza. Id-difiza ghamlet kontro-ezami serrat lill-espert – kif kellha kull dritt li taghmel – u minn dan il-kontro-ezami ma jirrizultax li l-espert naqset li tiehu xi haga in konsiderazzjoni li kellha obbligu tohodha in konsiderazzjoni, jew li hadet in konsiderazzjoni xi haga li ma kellhix tiehu in konsiderazzjoni. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ir-rapport, kif ikkorregut mill-istess espert, ghandu jigi skartat.

53. Ghaldaqstant, mir-rapport tal-espert Alberta Borg jirrizulta li l-imputat iffalsifika ic-cekkijiet immarkati Dok CD15 u Dok CD16, fil-waqt li mill-provi jirrizulta li huwa ghamel uzu mit-tlett cekkijiet falsifikati in kwistjoni. Il-**Prof. Anthony Mamo** jghallem illi l-falsifikazzjoni u l-użu tad-dokument falsifikat ma jitqisux mezz għall-fini ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali. [28]

54. Ghaldaqstant, l-imputazzjonijiet numri disgha, ghaxra, u hdax gew ukoll debitament ippruvati.

*<u>It-Tnax-il Imputazzjoni – Serq a dannu ta' Hudesa Dhaba Yadati</u>*

55. Hudesa Dhaba Yadati xehed li huwa xufier tat-taxi mas-socjeta eCabs, u fid-9 ta' Marzu 2021 rikkeb lil certu James Camilleri, li seraqlu l-ammont ta' cirka mija u ghaxar Euro

[28] Ara **Notes on Criminal Law** (First Year) pg. 159.

(€110) li kienu go compartment maghluq tal-vettura, u hareg jigri mill-karozza. Huwa qal li dan ir-ragel kien qarghi u kien liebes il-maskla, stante li f'dak iz-zmien, Malta kienet ghadha milquta mill-pandenemija Covid-19. Ghalkemm huwa qal ghal bidu li ma kiex f'posizzjoni li jaghrfu ghax bhala xufier jara hafna nies kuljum, meta mistoqsi jekk jaghrafx lil xi hadd fl-awla huwa gharaf lill-imputat.[29]

56. Ghalkemm dan ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla bhala James Camilleri li ibbukkja t-taxi, din il-Qorti ghandha diffikulta temmen li dan ix-xhud verament gharaf lill-imputat bhala l-klijent in kwistjoni, u mhux sempliciment indika lilu, ghax kien ovvju li kien l-imputat fil-proceduri. Dan ghaliex kif qal hu stess il-passiggier kien liebes maskla, u x-xhud jara hafna nies kuljum in konnessjoni max-xoghol tieghu, u lil dan il-klijent rah biss ghal ftit minuti.

57. Fin-nuqqas ta' provi ohra diretti jew indiretti li l-imputat kien verament il-klijent in kwistjoni, il-Qorti hija tal-opinjoni li din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u se tilliberah minnha.

*<u>It-Tlettax-il Imputazzjoni – Naqas li jgharraf lil Pulizija bi hwejjeg misruqa</u>*

58. Ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq, mill-provi jirrizulta li l-imputat kien fil-pussess ta' wiehed mic-cekk books li insterqu lil Noel Scicluna, u effettivament ghamel uzu minn tlett cekkijiet li kienu ta' Noel Scicluna. Mill-provi jirrizulta wkoll li huwa ma gharrafx lill-Pulizija bil-fatt li dan ic-cekk books u cekkijiet misruqa kienu fil-pussess tieghu, u konsegwentement din l-imputazzjoni tirrizulta debitament ippruvata.

[29] Ara fol. 129 *et seq.* tal-process.

*L-Erbatax u il-Hmistax l-Imputazzjoni – Ksur ta' Digrieti tal-helsien mill-arrest*

59. L-imputat huwa wkoll mixli li kiser id-digrieti tal-helsien mill-arrest imposti fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta fit-2 ta' Mejju 2017 u fl-20 ta' Settembru 2019. Kopja awtentikata ta' dawn id-digrieti giet debitamentipprezentata in atti mill-Prosekuzzjoni.[30] Ladarba l-imputat instab hati tar-reati indikati iktar il-fuq, isegwi wkoll li huwa kiser il-kundizzjonijiet imposti f'dawn iz-zewg digrieti, stante li ikommetta reati ta' natura volontarja waqt li kien moghti il-helsien mill-arrest.

60. Ghaldaqstant, anke l-imputazzjonijiet numru erbatax u hmistax gew debitament ippruvati.

*Addebitu tar-Recidiva*

61. L-imputat huwa wkoll mixli li huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Dan l-addebitu tar-recidiva gie debitament ippruvat bis-sentenzi ezebiti u cioe dik moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' April 2019, [31] dawk moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-4 ta' Settembru 2020[32] u 30 ta' Settembru 2020.[33]

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

62. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja. Huwa ghandu ghaxar (10)-il kundanni minn dawn il-Qrati, il-maggoranza assoluta taghhom li ikkommetta frodi, jew serq fil-konfront ta' diversi persuni. L-ahhar reati ta' frodi gew kommessi f'Lulju u Awwissu 2021, meta l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest matul dawn il-proceduri. Bhalissa l-imputat qieghed il-habs jiskonta diversi pieni ta' prigunerija.

[30] Ara Dok CD18 u Dok CD19 a fol. 66 u 67 tal-process.
[31] Ara fol. 207 tal-process.
[32] Ara fol. 446 tal-process.
[33] Ara fol. 447 tal-process.

63. Jirrizulta wkoll li l-imputat ghandu problema akuta ta' tossikodipendenza. Ghalkemm f'Gunju 2022, wara li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest f'dawn il-proceduri, l-imputat wera x-xewqa li jibda programm ta' riabilitazzjoni minn gewwa l-habs, u gie assenjat keyworker ghal dan l-iskop, fis-6 ta' Jannar 2023, ipprezenta rikors sabiex ikun elegibbli japplika biex isib impjieg barra mill-habs, ladarba jiskonta s-sentenza karcerarja li minhabba fiha bhalissa qieghed il-habs. Dan ir-rikors gie michud b'digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Jannar 2023, fejn din il-Qorti espremiet il-preokuppazzjoni taghha li dan ir-rikors jaghti wiehed x'jifhem li l-imputat mhux verament motivat ibiddel hajtu. L-imputat rega' ghamel rikors iehor fis-6 ta' Marzu 2023 ghall-helsien mill-arrest biex jara lill-uliedu barra mill-konfini tal-habs. Fid-digriet taghha tas-6 ta' Marzu 2023, din il-Qorti, fil-waqt li cahdet it-talba regghet espremiet il-preokupazzjoni taghha, li l-imputat mhux verament motivatat jaghmel program ta' riabilitazzjoni residenzjali. Fl-ahhar rapport taghha tal-31 ta' Mejju 2023, l-Ufficjal tal-Probation infurmat lil din il-Qorti li l-imputat dahal sabiex isegwi program ta' riabilitazzjoni fi hdan l-Agenzija Sedqa fil-11 t'April 2023. Il-Qorti tispera li l-imputat ma ghamilx dan biex jipprova jimpressjona lil din il-Qorti, imma ghax verament huwa motivat li jaghmel dan il-programm ta' riabilitazzjoni li tant ghandu bzonn sabiex ibiddel hajtu fl-interess tieghu stess u tas-socjeta.

64. Ghal kull buon fini, il-Qorti tirrileva li fil-kaz odjern, l-Artikolu 28(7) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi li din il-Qorti ma tistax tinghata sentenza sospiza: *"(a) meta l-ikkundannat ikun diġà qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija; ... ..."* Fil-kaz odjern, l-imputat qieghed jiskonta diversi sentenzi ta' prigunerija, Ghalhekk, il-Qorti hija legalment prekluza li tati sentenza sospiza fil-kaz odjern.

65. Pero, kif diga inghad dan qed jintqal ghal kull buon fini, ghax din il-Qorti hija konvinta, li irrispettivament mill-projbizzjoni imposta mil-ligi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, l-piena idonea tista' tkun biss wahda karcerarja effettiva, u dan ghal tliet ragunijiet principali.

66. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jidher car mill-provi li l-imputat ghamel qliegh a skapitu ta' erba' persuni b'ingann u b'raggiri, u tlieta minnhom bl-uzu ta' cekkijiet iffalsifikati, u dana kontra l-principju fondamentalissimu li l-ezercizzju tal-

kummerc u r-relazzjonijet kummercjali ghandhom isiru fi spirtu ta' *uberrima bona fide* (utmost good faith). Kieku kellu jitwarrab dan il-principju, l-ebda negozjant ma jaccetta cekkijiet. Ghalhekk il-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom id-dover legali li japplikaw pieni proporzjonati izda adegwati sabiex iservu bhala deterrent effettiv ghal min jipprova jisfrutta din il-bona fede li qeghda fil-bazi tal-hajja kummercjali.

67. Fit-tieni lok, f'dawn il-proceduri, l-imputat ma wera l-ebda interess li jirrizarcixxi lill-vittmi tieghu ghad-danni li sofrew.

68. Tenut kont anke tal-atteggament tal-imputat fil-mori ta' dawn il-proceduri, u it-titubanzi tieghu biex jibda jaghmel programm ta' riabilitazzjoni, il-Qorti hija konvinta, li l-unika mod kif forsi l-imputat ikompli jissoda l-motivazzjoni tieghu biex jaghmel dan, huwa billi jkompli jaghmel dan il-programm minn gol-ambjent kontrollat tal-habs.

69. Fil-komputazzjoni tal-piena l-Qorti segwiet l-insenjament tal-Qorti Kriminali fl-appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Salvu Depares, deċiża fis-6 ta' Marzu 1954, u cioe li fil-każ ta' diversi reati kontra l-patrimonju, għall-finijiet tal-valur għandu jiġi meqjus il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-oħra. Fil-kaz odjern l-oghla ammont defrawdat huwa dak ta' elf hames mija u tnejn u hamsin Euro (€1552), a dannu ta' Josef Penza, kif fuq spjegat.

**Konkluzjoni**

70. Ghal dawn ir-ragunijiet, u wara li rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Settembru 2022, il-Qorti taqta u tiddiciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet numru tnejn (2), erba' (4), sitta (6) u tmienja (8) dedotti kontra l-imputat;

2. Issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni numru tnax (12) dedotta kontra tieghu, u ghalhekk tilliberah minnha;

3. Wara li rat l-Artikoli 18, 310(c), 310(b), 167, 183, 184, 340(c), 579(2), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat, bhala recidiv, hati tal-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu, b'dan li fir-rigward tal-imputazzjoni numru hamsa (5), l-ammont defrawdat huwa ta' elf hames mija u tnejn u hamsin Euro (€1,552) u fir-rigward tal-imputazzjoni numru sebgha (7), l-ammont defrawdat huwa ta' hames mitt Euro (€500).

4. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja ta' tlett (3) snin u sitt (6) xhur, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri kriminali biss.

5. Tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-2 ta' Mejju 2017, u tordna ir-riarrest tieghu f'dawk il-proceduri kriminali, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' tlett elef Euro (€3000), mill-ammont ta' garanzija personali ikbar imposta fl-istess digriet.

6. Tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-20 ta' Settembru 2019, u tordna ir-riarrest tieghu f'dawk il-proceduri kriminali, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depozitu ta' mitejn u hamsin Euro (€250) u ta' elf Euro (€1000) mill-ammont ta' garanzija personali ikbar imposti fl-istess digriet.

7. Jekk il-hati jonqos li jhallas dawn l-ammonti imsemmija mill-garanziji personali jew parti minnhom, l-ammont jew il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

8. In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar (1) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

71. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lil din il-Qorti diversament preseduta li quddiemha jinsabu pendenti iz-zewg proceduri kriminali l-ohra kontra l-hati.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**